# FAVUR BELT VIBRANTI... IM








**Din il-ġimgħa saret iċ-ċerimonja tal-ġur**
**u kunsillier li se jifformaw id-69 kuns**
**kollha kemm huma jridu jxammru l-k**
**dak li ċ-ċittadini tal-ibliet u l-irħula tag**
**Fid-dawl li l-Belt Valletta hija l-belt**
**mhux nieqsa mill-isfidi tagħha, tkellim**

**1. Il-Beltin ħafna drabi jsemmgħu leħinhom minħabba numru ta' sfidi li jiltaqgħu magħhom. Nibdew mill-ammont ta' storbju. Stabbilimenti b'mużika sas-sigħat bikrija ta' filgħodu. X'jista' jagħmel il-Kunsill?**

It-tniġġis tal-istorjbu ma jagħmel ġid lil ħadd. Bl-istess mod diversi residenti Beltin jiġu affettwati wkoll, l-istorbju eċċessiv itellifhom mill-benesseri tagħhom. Il-Kunsill jista' jaħdem aktar mal-awtoritajiet sabiex l-infurzar ikun aktar effettiv fejn ikun hemm l-abbuż. Postijiet ta' divertiment se jkollhom limiti li ma jaqbżux ċertu decibels.

Min-naħa tiegħi se naħdem qatigħ biex din is-sitwazzjoni tissolva, biex b'hekk jitlaħaq bilanċ għall-ġid tal-komunità kemm dik residenzjali kif ukoll dik kummerċjali. Nemmen li l-Kunsill jista' jilħaq kompromess.

**2. Nitkellmu dwar aċċessibilità. Kollha rajna x-xena ta' ambulanza tipprova tgħaddi minn Triq il-Merkanti. Bħala Sindku, x'ser tagħmel sabiex ma jkunx hemm imblukkar ta' aċċess importanti minħabba mwejjed u siġġijiet?**

F'kull belt turistika jrid ikun hemm bilanċ bejn l-attività turistika, dik kummerċjali u dik residenzjali. Biex ma nitilfux mill-karatteristiċi ta' din il-belt tant sabiħa, bħala Sindku, jiena kommess li fejn tidħol l-allokazzjoni ta' mwejjed u siġġijiet ikun imħares bi pjan imfassal. Se naħdem mal-awtoritajiet sabiex l-infurzar ikun aktar effettiv.

Ix-xogħol li sar sabiex titqajjem il-belt ma jridx jitwarrab. Kemm jien kif ukoll ir-residenti Beltin huma favur belt vibranti, vivaċi u ħajja, iżda tista' tittieħed azzjoni. Dawn huma l-azzjonijiet li nixtieq inwettaq:

**a. Jissaħħaħ l-għarfien u jinqabad l-abbuż fil-pront:**

Bl-użu tat-teknoloġija, isir studju dwar kif jistgħu jintużaw l-ispazji aħjar, naraw kif l-allokazzjoni tirrifletti d-domanda. Isiru magħrufa liema huma dawk l-ispazji bil-permess filwaqt li jsir aktar ovvju u faċli li jinqabad min qed jikser il-liġi. Din se tgħin biex ir-rapporti li jidħlu għand l-awtoritajiet ikunu bbażati fuq l-informazzjoni u mhux biss fuq l-opinjoni.

**b. Ekosistema lura lill-komunità:**

Nemmen li wasal iż-żmien biex l-attività kummerċjali tikkontribwixxi f'ekosistema lura lill-komunità Beltija biex dawn il-fondi jintużaw għal proġetti li jgawdu minnhom ir-residenti, il-familji, u l-komunità tal-Belt. Proġetti infrastrutturali u soċjali sostenibbli li jtejbu l-ħajja tal-Beltin ġewwa l-Belt Valletta.

**3. L-indafa. Il-ħmieġ tal-ħamiem, pereżempju, huwa problema tanġibbli fil-Belt kapitali. L-istess l-immaniġġjar tal-iskart. X'jista' jagħmel il-Kunsill Lokali fuq dan l-aspett?**

Il-Belt Valletta hija ċ-ċentru tal-kultura u l-istorja tagħna, iżda hija wkoll ispirazzjoni għal sfidi ambjentali li qed jaffaċċjaw ħafna bliet oħra madwar id-dinja. Biex noħolqu belt nadifa, sostenibbli u li tħares l-ambjent, jeħtieġu bidliet radikali fil-mod kif naħsbuha. Kull ċittadin għandu jkun involut, u rridu nibdew din ir-revoluzzjoni ambjentali biex niżguraw kwalità ta' ħajja aħjar. Pass kruċjali lejn l-immaniġġjar tat-tibdil fil-klima.

B'mod aktar konkret jiddaħħlu modi effikaċi bħall-użu ta' anti-bird spikes, wires-paralleli, u/jew metodi effettivi oħra mingħajr ma jsir ħsara jew moħqrija lil dawn il-kreaturi.

L-indafa tal-Belt Valletta hija essenzjali mhux biss għar-residenti tagħha iżda għal Malta kollha. Irridu nagħtu importanza lill-ambjent u l-indafa ta' madwarna, dawn imorru id f'id, għalhekk nemmen li rridu nħarsu lejn l-aspett ħolistiku, lejn aktar sigurtà u infurzar fejn meħtieġ u fl-immedjat. Dan jiddependi fuq kull wieħed u waħda minna. Irridu ninvestu f'aktar edukazzjoni u għarfien. Nippremjaw prattiċi sostenibbli u innovattivi.

F'dan ir-rigward se nirrikorri għall-esperjenza li għandi meta kont parti mit-team tal-Valletta18, fejn dak iż-żmien iddaħħal l-att dwar ir-rimi u ġbir ta' skart. Nattwaw il-liġi u jingħataw multi. Inħares ukoll li l-operaturi li jiġbru l-iskart ikunu qed iħarsu din il-liġi wkoll. Se nkunu qegħdin noħolqu wkoll forma ta' kumitat li fih ikunu jagħmlu parti l-istakeholders kollha inklużi r-residenti biex b'hekk dak kollu li jkun hemm bżonn isir f'dan ir-rigward, isir fl-immedjat.

Huwa fundamentali li ngħid li dan il-Kunsill, li se jitmexxa minni bħala Sindku, se jkun qiegħed iżomm ir-residenti kollha fiċ-ċentru tal-ħidma li tkun qed issir.

**4. Element ieħor li nistgħu niddiskutu huwa l-prezz tal-proprjetà fil-Belt. Inti Belti. Nafu li biex takkwista proprjetà fil-kapitali, mhu faċli xejn. Ħafna Beltin qed ikollhom jixirfu 'l barra biex jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom. Bħala Belti, din tħoss li hija realtà li hemm bżonn tkun indirizzata?**

Il-Belt Valletta għandha suq tal-proprjetà uniku influwenzat ħafna mill-istorja ekonomika u politika tal-pajjiż.

Il-policies tal-gvern kellhom irwol sinifikanti fit-tiswir tas-suq tad-djar. Storikament, Malta ġew introdotti diversi skemi biex tinkoraġġixxi ċ-ċittadini jsiru sidien ta' djarhom, bħall-iskemi tal-first-time buyers, Sir Sid Darek jew taxxa tal-boll imnaqqsa. Dawn il-policies ġeneralment

# IMA HEMM BŻONN AZZJONI





ament tal-ħatra ta' 476 sindku
sill f'Malta u Għawdex. Issa,
miem u jaħdmu biex iwettqu
ħna fdawhom biex jagħmlu.
kapitali ta' pajjiżna; u belt li
na mas-sindku Olaf McKay.

kellhom l-għan li jagħmlu l-akkomodazzjoni aktar affordabbli għan-nies tal-lokal.

Madanakollu, il-propjetajiet fil-Belt Valletta huma pjuttost niċċa minħabba d-daqs u l-valur storiku tagħhom. Diversi propjetajiet fil-Belt kapitali spiss jattiraw lil dawk interessati fil-wirt storiku, li ħafna mid-drabi jkollhom livell ta' għajxien għoli, u għalhekk, il-prezz ta' proprjetà għandu tendenza li jkun fuq in-naħa ogħla meta mqabbel ma' lokalitajiet Maltin oħra.

Huwa s-suq li jiddetermina l-prezzijiet tal-proprjetà mhux biss fil-Belt iżda f'Malta u Għawdex kollha. Tkun ħolma li ssir realtà jekk bħala Gvern inkomplu noħolqu aktar inċentivi biex residenti Beltin jirnexxilom jixtru propjetajiet fil-lokalità li kienu mrobbijin fiha.

**5. Id f'id ma' din id-domanda hemm il-fatt li l-popolazjoni Beltija m'għadhiex żagħżugħa. Kif se jaħdem il-kunsill biex il-Belt tkun post fejn l-anzjani jgħixu komdi?**

Nemmen bis-sħiħ li huwa kruċjali li nżommu lill-anzjani tagħna fil-komunità. Il-parteċipazzjoni fil-komunità hija ta' benefiċċju għas-saħħa mentali tal-anzjani u għal kwalità ta' ħajja aħjar. Billi jibqgħu attivi fil-komunità jibbenefika mhux biss lilhom iżda wkoll lill-komunità residenzjali. Naħdmu id f'id mal-gvern ċentrali biex noħolqu spazji interġenerazzjonali fejn l-anzjani jibqgħu attivi.

Il-pjanijiet marbuta ma' dan huma l-ħolqien ta' ċentri ta' matul il-jum, fejn diversi anzjani jkunu jistgħu jiltaqgħu flimkien biex jgħaddu l-ħin tagħhom jissoċjalizzaw filwaqt li jipprattikaw xi delizzju jew jitgħallmu affarijiet ġodda. Hubs ta' divertiment bl-eżiġenzi kollha meħtieġa għalihom. Se nkunu qegħdin nistudjaw ukoll il-possibilità li noħolqu dar tal-anzjani b'differenza fejn jiġu mħarsa d-delizzji tal-anzjani, li jkunu jinkludu diversi attivitajiet fosthom; dawk edukattivi, ta' mużika, żfin, teatru, eżerċizzju, ħarġiet kulturali u dak kollu li jżommhom ħajjin.

Iż-żgħażagħ kienu u għadhom il-qofol tas-soċjetajiet li ngħixu fihom. Bis-saħħa tagħhom u tal-ideoloġiji u s-suġġerimenti dinamiċi li kapaċi jressqu 'l quddiem għal Beltna. Nemmen ukoll li rridu nressqu 'l quddiem diversi setturi li jagħtu spazju u lok ta' żvog liż-żgħażagħ tagħna fosthom; is-settur tal-isports, it-teknoloġija u d-delizzji. Li nagħtu vuċi liż-żgħażagħ mhuwiex biss slogan iżda huwa prinċipju fundamentali li jinsab fil-qalba ta' governanza effettiva, progressiva u sostenibbli, li ma jkunux emarġinati mis-soċjetà tagħna u li permezz tal-widen li jingħataw, iż-żgħażagħ ikollhom id-dritt li jkunu parteċipi f'deċiżjonijiet importanti u inklussivi.

**6. L-iskop għalfejn in-nies jidħlu l-Belt inbidel totalment, u llum ħafna jmorru għall-industrija F&B. Ċertu negozji, bħal retail, bil-mod il-mod qed narawhom jitilqu mill-Belt. Dan huwa parti minn pjan, jew qed isir sempliċement għax fetħu ħafna stabbilimenti tal-ikel? Huwa pjan li tajjeb insostnuh jew li aħjar inbidduh?**

Huwa minnu li maż-żminijiet it-tendenza għalfejn in-nies jidħlu l-Belt inbidlet. In-nies imorru f'kafetterija biex jagħmlu n-negozju, biex jiltaqgħu ma' ħaddieħor, biex joħolmu fuq ideat jew biex jaħdmu. Il-ħin huwa inqas ristrett hawnhekk, u l-iskambji huma b'xejn. Il-kafetteriji u ristoranti għad għandhom irwol kruċjali fil-ħajja komunitarja. Fil-każ tal-ħwienet tar-retail, qed jonqsu minħabba li d-drawwa kif in-nies qed jixtru nbidel kompletatment riċentament, kemm minħabba s-suq tal-internet, żmien il-Covid, u fatturi oħra.

Dan ma jfissirx li huwa parti minn pjan u ma narax il-korrelazzjoni għaliex fetħu ħafna stabbilimenti tal-ikel naqas ir-retail. Bħala Sindku nixtieq li nara aktar stabbilimenti retail, u persważ li l-ekosistema tal-Belt f'dan ir-rigward għandha l-potenzjal fejn timraħ.

Fl-istess waqt, ċertu ħwienet żgħar tradizzjonali qed isibuha diffiċli jkampaw. Diffiċli ssib ikla sempliċi u rħisa Maltija fil-Belt kapitali. Din xi ħaġa li tħassbek?

Bħal kull belt oħra fid-dinja, għandek issib taħlita ta' ħwienet, dawk ta' livell aktar lussuż u dawk aktar tradizzjonali u sempliċi. Nemmen li dan it-tiżwiq għadek issibu, jekk tfittxu.

**7. Ċertu attivitajiet bħan-Notte Bianca, issa li l-Belt Valletta saret tant popolari fejn jidħol l-entertainment, tarahom validi anke llum il-ġurnata?**

Ċertament attivitajiet bħal dawn iservu ta' ġid għaċ-ċittadini. Il-Belt tista' tilqa' u tattira ħafna nies f'daqqa. Ħafna drabi tilħaq nies li kieku ma kellhomx l-opportunità li jiġu esposti għal attivitajiet bħal dawn. Notte Bianca u attivitajiet simili huma pjattaforma importanti għall-artisti lokali fil-kalendarju annwali li tattratta madwar 60,000 ruħ lejn il-Belt kapitali. Għalhekk nemmen li dawn it-tip ta' attivitajiet jagħtu ġieħ lill-Belt kapitali, għax permezz tagħhom diversi persuni fosthom għadd kbir ta' turisti u ċittadini minn lokalitajiet varji qed jiltaqgħu flimkien biex igawdu din il-belt storika li ftit hawn bħalha fid-dinja.

**8. Il-Belt Valletta għaxar snin oħra: kif taraha?**

Nixtieq nara Belt kapitali, kulturali, sostenibbli, u li tibqa' fis-sbuħija naturali tagħha. Kif tixraq lill-Beltin, l-Għawdxin u l-Maltin kollha.